# *Animazzjoni – Tlettax –il Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)*

**Dħul:**

Illum il-Knisja tiċċelebra t-Tlettax-il Ħadd ta' matul is-sena. Illum Ġesù jisteddina biex naċċetaw is-sejħa li ta' kuljum jagħmlina, dik li kuljum nimxu warajh. Filwaqt li nagħmlu din it-talba waqt din iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fl-ewwel qari naraw lil Elija jsejjaħ lil Eliżew biex ikun profeta floku; San Pawl imbagħad jitkellem dwar il-ħarsien tal-libertà tagħna; filwaqt li fl-Evanġelju naraw lil Ġesù li jibda jsejjaħ u jirċievi r-rifjut għas-sejħa tiegħu. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Mulej, inti s-sehem tal-wirt u r-riżq tiegħi

**Offertorju:**

Kristu qiegħed jagħmlilna sejħa oħra: dik li ma' dawn l-offerti noffrulu wkoll ħajjitna kollha kemm hi.  Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin:**

Issa se nirċievu lil Ġesù ġo fina, illum Ġesù qiegħed jagħmilna sejħa: dik li nħobbu lil xulxin. Ejjew mela ma nibżgħux nirrispodu din is-sejħa. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.